MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2321/2004

**Dr. Shaheryar Ghaznavi**

**Vs**

**Air Malta plc (C-2685)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata ammont li ma jeccedix is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u dan billi ppremetta li huwa xtara biljett ta' l-ajru mill-kumpanija Air Malta minn Londra ghal Edinburgh bir-ritorn. Illi dan il-biljett fil-fatt ma kienx operat. Konsegwenza ta' dan l-attur kellu jikri karozza sabiex jasal fid-destinazzjoni tieghu fl-Iskozja u kellu wkoll jirritorna lura Londra bl-istess karozza. Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas id-danni, cjoe' l-prezz tal-biljett tal-*flight* minn

Heathrow ghal Edinburgh bir-ritorn, kif ukoll l-ammont li huwa hallas ghall-kiri ta' karozza u fuel li uza tul il-vjagg tieghu lejn Edinburgh u lura Londra.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi l-kumpanija konvenuta bbukkjat post f'isem l-attur fuq *flight* tal-Malaysian Airways bejn Londra u Edinburgh liema *flight* kien operat mill-kumpanija British Midland. Is-socjeta' konvenuta qatt ma giet infurmata minn British Midland li l-*flight* in kwistjoni ma kienx ser isir, la waqt il-*booking* u lanqas sussegwentement tal-*booking*. Li ghalhekk ma kien l-ebda tort jew nuqqas min-naha tal-kumpanija konvenuta u jonqos in-ness necessarju biex il-konvenuta tinsab responsabbli ghad-danni. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni li ghalihom tista' tinsab responsabbli l-konvenuta huma fl-aghar ipotesi limitati ghal dawk materjali, cjoe' l-prezz tal-kirja tal-karozza u l-fuel stante li dan it-Tribunal ma jistax jordna l-hlas ta' danni morali.

Sema' x-xhieda ta' Dr Shaheryar Ghaznavi u ta' Ivan Falzon.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-24 ta' Dicembru, 2003 inqghalatlu emergenza billi kellu bzonn imur Edinburgh u ghall-habta ta' nofs il-lejl ikkonferma ma' l-Air Malta li hemm *flights available* u qalulu li minhabba li l-ghada kien il-Milied kellu jiehu *flight* Malta-Paris, Paris-London, London-Edinburgh. Fis-saghtejn ta' filghodu dakinhar tal-Milied, cjoe' fil-25 ta' Dicembru huwa mar l-ajruport u xtara biljett ghal Edinburgh bir-ritorn minghand l-Air Malta bil-prezz totali ta' erba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm438.45c). Waqt li kien hemm induna li kien hemm zball fir-ritorn minn Edinburgh ghal Londra u talab li dan l-izball jigi kkorregut, fil-fatt ghamlu *endorsement* fuq il-biljett.

Filghodu fid-disgha siefer Malta-Paris-London u meta wasal Londra ma kienx hemm il-*flight* ghal Edinburgh u li dan il-*flight* ma kienx jezisti.  Huwa ghalhekk ikkomunika ma' l-Air Malta u lilu qalulu biex:

"make your own way imbaghad meta tigi Malta we'll sort things out."

Billi ma kienx hemm *flights* ohra, u lanqas ma kien hemm *train* lejn Edinburgh, l-unika alternattiva tieghu kienet illi jikri karozza *on a return basis* u fil-fatt kera karozza, saqha lejn Edinburgh u gie lura fit-tlieta ta' filghodu fis-26 ta' Dicembru.

Eventwalment meta wasal Malta huwa ghamel ilment mas-socjeta' konvenuta w offrewlu *refund* ta' mija u lira Maltin (Lm101) izda huwa m'accettax.  Il-kumpens totali li qed jitlob l-attur huwa ta' tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm354.26c) li jikkomprendi l-mija u lira Maltin (Lm101) ghall-biljett li ma giex utilizzat.

Illi Ivan Falzon xehed illi huwa jahdem bhala *ticketing agent* ma' l-Air Malta u kkonferma li l-biljett in kwistjoni hareg mis-socjeta' konvenuta fl-10.22p.m izda meta l-attur gie biex ihallas offra cekk izda billi c-cekk kien idum ghaxart ijiem biex jghaddi, l-attur kellu jmur igib *credit card* u eventwalment hallas permezz ta' *credit card* u l-biljett hareg fis-2.16a.m.  Dak il-hin is-sistema nfurmatu li s-*segment* London-Edinburgh tal-Malaysian Airlines ma kienx se jopera u fil-fatt ibbukkjawlu fuq *flight* differenti.

Ir-rizultat eventwalment kien illi kellu jitlaq Malta fil-25 ta' Dicembru fid-9.00a.m fuq *flight* KM470 ghal Parigi, mbaghad minn Parigi jiehu *flight* BE1534 ghal Heathrow li jitlaq minn Parigi fit-3.00p.m u mbaghad minn Heathrow jiehu *flight* ghal Edinburgh NH9609 li jitlaq minn Heathrow fis-6.45p.m u jasal fit-8.05p.m.  Huwa kkonferma li meta Dr Ghaznavi wasal Heathrow ghamel l-ilment relattiv u li ma kellhom l-ebda risposta negattiva minghand il-British Midland li l-*flight* li kien ibbukkja Dr Ghaznavi ghalih ma kienx ser jopera.

Illi fid-dawl tal-premess, galadarba s-socjeta' konvenuta accettat il-*booking* minghand l-attur u harget il-biljett relattiv, b'hekk inholoq rapport kuntrattwali u bhala tali s-socjeta' konvenuta assumiet l-obbligu li twassal lill-attur ghad-destinazzjoni li ghalih kien hallas. Hija harget il-biljett u ghalhekk kienet obbligata li tipprovdilu s-servizz li ghalih il-klijent kien hallas. Galadarba l-*flight* Heathrow-Edinburgh-Heathrow ma kienx jezisti, hija s-socjeta' konvenuta li trid taghmel tajjeb ghad-danni rizultanti minhabba b'hekk u dan, apparti li holoq inkonvenjent kbir ghall-attur biex flok *flight* ta' ftit aktar minn siegha spicca biex isuq mat-tmienja/disa' sighat – prattikament ghamel il-gurnata tal-Milied jivvjagga biex imbaghad iqatta' ftit sighat Edinburgh u jerga' jaghmel dawk it-tmienja/disa' sighat isuq lura lejn Londra biex jigi lura Malta.

Tenut kont il-premess, it-Tribunal qieghed verament jiskanta kif socjeta' li tant tirriklama li hija *customer orientated* thalli kaz bhal dan jasal ghal-litigju u mhux taghmel l-almu taghha biex tissodisfa lill-konsumatur minhabba l-problema li rrizultat. Din m'hijiex kwistjoni semplicement ta' obbligu kuntrattwali izda hija wkoll kwistjoni ta' *customer satisfaction* u dritt li kull konsumatur jigi sodisfatt u jottjeni dak li jkun hallas ghalih.

Apparti dan, is-socjeta' konvenuta qieghda ssostni illi l-attur xorta ghandu jhallas l-ammont li kien ser jinkorri kieku l-vjagg sehh kif propost izda f'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu illi jkun ekwu u gust illi jkun hemm *refund* totali ta' l-ispejjez kollha nkorsi mill-attur fil-vjagg in kwistjoni – wara kollox l-attur ghandu d-dritt jigi kkumpensat ghall-hin kollu li huwa nkorra biex isuq il-karozza ghal madwar sbatax-il siegha, proprju fil-gurnata tal-Milied u Boxing Day meta suppost ivvjagga ghal ftit aktar minn siegha. Il-hin huwa prezzjuz ghal kulhadd u ta' dan is-socjeta' konvenuta trid taghmel tajjeb ukoll. It-Tribunal jaghmilha cara li mhux qed jillikwida danni morali u dan billi, kieku kellu jaghmel hekk, il-kumpens kien ikun ferm iktar tenut kont li l-attur kellu emergenza, huwa hallas l-*full fare*, meta wasal Heathrow u nqalghet il-problema ma sab l-ebda komfort mis-socjeta' konvenuta u

mank irrangatlu hi ghall-kiri tal-karozza. Hallietu jaqdef wahdu u ghar-rasu. Kieku ma kienx intraprendenti u ha l-inizjattiva kien jispicca jigi lura lejn Malta minghajr ma jirnexxielu jasal Edinburgh.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara s-socjeta’ konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, qieghda tillikwida dawn id-danni ghall-ammont ta’ tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm354.26c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------